MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Numru 915/2004

Il-Pulizija
(Supretendent Nicholas Ciappara
Spettur Walter Spiteri)

vs

John Cassar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 731352M, akkuzat talli:

1. fit-22 ta’ Ottubru, 2004 fl-Imqabba ghal habta tal-4:00p.m., talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura numru JBB-391 ghad-detriment ta’ Thomas Roberts, liema hsara teccedi il-hamsin liri Maltin izda ma teccediex il-hames mitt Liri Maltin;

2. fl-istess jum, hin u lok, ghamel griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Thomas Roberts skond kif iccertifika Dr. Anthony Gauci MD;
3. fl-istess jum, hin u lok saq vettura numru IAM-475 ta’ l-ghamla Mercedes, b’manjiera negligenti u perikoluza u talli kiser il-buon ordni u l-paci pubbliku, b’ghajjat, glied jew mod iehor.

Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija tordna is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel zewg akkuzi.

Fic-cirkostanzi wara li semghet il-partijiet jittrattaw qeghdha ssibu hati u tapplika fil-konfront tal-imputat l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 billi torbtu li ma jersaqx u ma jkellimx jew b’xi mod jimmolesta lill-parti offizi ghal zmien sena mill-lum taht penali ta’ €2000.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------